MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Numru. 931/2004

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
TERENCE VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Terence Vella, bin Francis u Mary nee’ Cassar, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Gunju 1982, u residenti 13, St Rose, Triq il-Gdida, Imsida, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 339582(M), u akkuzat talli fit-8 t’Ottubru 2004, u matul il-gimghat precedenti, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zmenijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ fliexken tal-‘whisky’ minn gewwa l-Scott Supermarket, li qieghed fi 21 st, September Avenue, limiti tan-Naxxar, liema serq jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), u dan ghad-dannu tal-propjetarji tal-imsemmi Supermarket.

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli b'ghemilu, kiser il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, b'sentenza datata 10 ta' Lulju 2004, meta kien gie liberat b'sentenza sospiza li ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv ta' sentejn, mid-data ta' dik is-sentenza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 12) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat Terence Vella hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz, inkluz l-eta' giovvanili tal-imputat, il-fedina penali tieghu u l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------